REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1982

tat-28 ta' Novembru 2019

li jsiru ċerti importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli u ħadid bil-grafit sferojdali, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, soġġetti għar-reġistrazzjoni wara l-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni sabiex tiġi implimentata s-sentenza tal-20 ta' Settembru 2019, fil-każ T-650/17, fir-rigward tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1146 li jerġa' jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli u ħadid fondut bil-grafit sferojdali, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, immanifatturati minn Jinan Meide Castings Co., Ltd

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fit-13 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 430/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajlandja u li jtemm il-proċediment fir-rigward tal-Indoneżja ([2]) ("ir-Regolament definittiv").

(2) Fit-12 ta' Ġunju 2013, produttur esportatur Ċiniż li kkoopera, Jinan Meide Castings Co., Ltd ("Jinan Meide" jew "ir-rikorrenti"), ippreżentaw rikors quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti Ġenerali") fejn talbu l-annullament tar-Regolament definittiv ([3]).

(3) Fit-30 ta' Ġunju 2016, il-Qorti Ġenerali annullat ir-Regolament definittiv sa fejn kien impona dazju ta' antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli manifatturati minn Jinan Meide.

(4) Fit-28 ta' Ġunju 2017, wara investigazzjoni mill-ġdid, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1146 li jimponi mill-ġdid dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, manifatturati minn Jinan Meide Castings Co., Ltd ([4]) ("ir-Regolament antidumping inkwistjoni").

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2018.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 430/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli u ħadid fondut bil-grafit sferojdali, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajlandja u li jtemm il-proċediment fir-rigward tal-Indoneżja (ĠU L 129, 14.5.2013, p. 1).

([3]) Il-Każ T-424/13 Jinan Meide Castings Co Ltd. vs il-Kunsill.

([4]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1146 tat-28 ta' Ġunju 2017 li jimponi mill-ġdid dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, manifatturati minn Jinan Meide Castings Co., Ltd (ĠU L 166, 29.6.2017, p. 23).

(5) Fit-12 ta' Lulju 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li l-fittings, magħmula minn ħadid fondut bil-grafit sferojdali (magħruf ukoll bħala ħadid fondut duttili) ma jikkorrispondux għall-kunċett ta' "ħadid fondut malleabbli", kif definit fi ħdan is-subintestatura 7307 19 10 tan-NM. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li fittings magħmula minn ħadid fondut bil-grafit sferojdali jridu jiġu klassifikati taħt is-subintestatura 7307 19 90 tan-NM (bħal oġġetti oħra ta' ħadid ieħor). Fl-14 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni ppubblikat ir-Regolament (UE) 2019/262 ([5]) li jemenda r-referenzi għall-kodiċi TARIC biex jallinjahom mal-konklużjonijiet tal-qorti. Minħabba li l-miżuri anti-dumping huma imposti skont id-definizzjoni tal-prodott irrispettivament mill-klassifikazzjoni tariffarja, din l-emenda ma kellha ebda impatt fuq l-ambitu tal-prodott tal-miżuri.

(6) Ir-rikorrenti kkontestat ir-Regolament antidumping kontenzjuż fil-Qorti Ġenerali. Fl-20 ta' Settembru 2019, il-Qorti Ġenerali tat is-sentenza tagħha fil-kawża T-650/17 dwar ir-Regolament antidumping inkwistjoni ([6]).

(7) Il-Qorti Ġenerali eżaminat l-erba' motivi kollha mqajma mir-rikorrenti u ċaħdithom bħala infondati. Wieħed biss mill-erba' motivi ġie milqugħ. Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni adottat metodoloġija irraġonevoli biex tirrifletti d-differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi bejn it-tipi ta' prodotti manifatturati fil-pajjiż analogu u dawk esportati miċ-Ċina. Fin-nuqqas ta' *data* relatata mal-produzzjoni domestika fil-pajjiż analogu, il-Kummissjoni użat id-differenza fil-prezzijiet osservata għall-bejgħ tal-esportazzjoni tad-diversi tipi ta' prodotti miċ-Ċina. Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ma setgħetx tassumi li l-prezzijiet li x'aktarx jiġu affettwati mid-dumping jiffurmaw il-bażi għal stima raġonevoli tal-valur tas-suq tad-differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi għaliex prezzijiet bħal dawn jistgħu ma jkunux ir-riżultat ta' forzi normali tas-suq. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali annullat id-dazju antidumping impost mill-ġdid fuq ir-rikorrent bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1146 li jimponi mill-ġdid dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, immanifatturati minn Jinan Meide Castings Co., Ltd.

(8) Wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ddeċidiet permezz ta' Avviż ([7]) ("l-Avviż ta' ftuħ mill-ġdid"), li tiftaħ mill-ġdid parzjalment l-investigazzjoni antidumping li tikkonċerna importazzjonijiet ta' fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament antidumping inkwistjoni u li tkompliha fil-mument li fih tkun seħħet l-irregolarità. Il-ftuħ mill-ġdid huwa limitat fl-ambitu għall-implimentazzjoni tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali fir-rigward ta' Jinan Meide.

2. RAĠUNIJIET GĦAR-REĠISTRAZZJONI

(9) Il-Kummissjoni analizzat jekk huwiex xieraq li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat isiru soġġetti għar-reġistrazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni kkunsidrat il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin. L-Artikolu 266 TFUE jipprevedi li l-Istituzzjonijiet iridu jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mas-sentenzi tal-Qrati. Fil-każ ta' annullament ta' att adottat mill-Istituzzjonijiet fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva, bħal investigazzjoni antidumping, il-konformità mas-sentenza tal-Qorti tista' tikkonsisti f'sostituzzjoni tal-att annullat b'att ġdid, li fih l-illegalità identifikata mill-Qorti tiġi eliminata ([8]).

([5]) ĠU L 44, 15.2.2019, p. 6.

([6]) ECLI:UE:T:2019:644.

([7]) Avviż tal-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni wara s-sentenza tal-20 ta' Settembru 2019, fil-kawża T-650/17, fir-rigward tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1146 tat-28 ta' Ġunju 2017 li jimponi mill-ġdid dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli u ħadid fondut bil-grafit sferojdali, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, manifatturati minn Jinan Meide Castings Co., Ltd (ĠU C ..., 29.11.2019, p. ...).

([8]) Il-kawżi magħquda 97, 193, 99 u 215/86 Asteris AE u oħrajn u r-Repubblika Ellenika vs il-Kummissjoni Ġabra [1988] p. 2181, il-paragrafi 27 u 28.

(10) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-proċedura għas-sostituzzjoni tal-att annullat tista' tissokta fil-punt eżatt li fih saret l-illegalità ([9]). Dan jimplika b'mod partikolari li, f'sitwazzjoni fejn att li jikkonkludi proċedura amministrattiva jiġi annullat, l-annullament mhux neċessarjament jaffettwa l-atti preparatorji, bħall-ftuħ tal-proċedura. F'sitwazzjoni fejn ir-Regolament li jimponi miżuri ta' difiża tal-kummerċ definittiv jiġi annullat, dan ifisser li, wara l-annullament, il-proċediment ikun għadu miftuħ, minħabba li l-att li jikkonkludi l-proċediment ikun sparixxa mill-ordni legali tal-Unjoni ([10]), ħlief jekk l-illegalità tkun saret fl-istadju tal-bidu.

(11) Kif spjegat fl-Avviż ta' ftuħ mill-ġdid, u peress li l-illegalità ma seħħitx fl-istadju tal-bidu iżda fl-istadju tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li terġa' tiftaħ l-investigazzjoni antidumping sa fejn tikkonċerna Jindal Meide, u tkompliha fil-punt li fih seħħet l-irregolarità, jiġifieri fil-kuntest tad-determinazzjoni oriġinali relatata mal-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011.

(12) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tkomplija tal-proċedura amministrattiva u l-impożizzjoni mill-ġdid eventwali tad-dazji ma jistgħux jitqiesu bħala kuntrarji għar-regola ta' nonretroattività ([11]). L-Avviż ta' ftuħ mill-ġdid jinforma lill-partijiet interessati, inklużi l-importaturi, li kull responsabbiltà fil-ġejjieni, jekk tkun meħtieġa, tkun ġejja mis-sejbiet tal-eżami mill-ġdid.

(13) Abbażi tal-eżitu tal-investigazzjoni li reġgħet infetħet, li f'dan l-istadju għadu mhux magħruf, il-Kummissjoni se tadotta Regolament li jikkoreġi l-iżball identifikat mill-Qorti Ġenerali u li jimponi mill-ġdid, fejn meħtieġ, ir-rata ta' dazju applikabbli. Din ir-rata ġdida stabbilità, jekk ikun hemm, tidħol fis-seħħ mid-data li fiha r-Regolament antidumping inkwistjoni daħal fis-seħħ.

(14) F'dak li għandu x'jaqsam ma' obbligi passati jew futuri għal dazji antidumping, jenħtieġ li jiġi nnutat dan li ġej.

(15) Fl-Avviż ta' ftuħ mill-ġdid, u minħabba li l-ammont tar-responsabbiltà li jirriżulta mir-rieżami mhuwiex ċert, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet tad-dwana nazzjonali biex jistennew l-eżitu tar-rieżaminazzjoni qabel jiddeċiedu dwar xi pretensjoni ta' ħlas lura dwar id-dazju tal-antidumping annullati mill-Qorti Ġenerali fir-rigward ta' Jinan Meide. B'hekk l-awtoritajiet doganali huma ordnati li jżommu kwalunkwe pretensjoni għar-rimborż tad-dazji annullati sakemm l-eżitu tal-eżami mill-ġdid jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*.

(16) Barra minn hekk, jekk l-investigazzjoni tal-ftuħ mill-ġdid twassal għall-impożizzjoni mill-ġdid ta' dazji antidumping, dawk id-dazji jeħtieġ li jinġabru wkoll għall-perjodu li matulu titwettaq l-investigazzjoni tal-ftuħ mill-ġdid. Dan huwa meqjus essenzjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-miżuri legalment ġustifikati matul il-ħajja ta' tali miżuri, mingħajr ebda differenza bbażata fuq iż-żmien li fih ikunu qed iseħħu l-importazzjonijiet, jiġifieri qabel jew wara l-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni.

(17) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li r-reġistrazzjoni hija għodda pprovduta fl-Artikolu 14(5) tar-Regolament antidumping bażiku sabiex sussegwentement il-miżuri jkunu jistgħu jiġu applikati kontra l-importazzjonijiet mid-data tar-reġistrazzjoni. Dan huwa l-każ, pereżempju, tal-garanzija tal-pagament fil-każ ta' applikazzjoni ta' dazji jew f'każijiet ta' kontra ċ-ċirkomvenzjoni. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li jiġu rreġistrati l-importazzjonijiet li jikkonċernaw Jinan Meide bl-għan li jiġi ffaċilitat il-ġbir tad-dazji antidumping wara l-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni, jekk ikun meħtieġ.

([9]) Kawża C-415/96 Spanja vs il-Kummissjoni [1998] Ġabra I-6993, paragrafu 31; Kawża C-458/98 P Industrie des Poudres Sphériques vs Il-Kunsill [2000] I-8147, paragrafi 80 sa 85; Kawża T-301/01 Alitalia vs il-Kummissjoni [2008] II-1753, paragrafi 99 u 142; Kawżi Magħquda T-267/08 u T-279/08 Région Nord-Pas de Calais vs il-Kummissjoni [2011] II-0000, paragrafu 83.

([10]) Il-kawżi magħquda 97, 193, 99 u 215/86 Asteris AE u oħrajn u r-Repubblika Ellenika vs il-Kummissjoni Ġabra [1988] p. 2181, il-paragrafi 27 u 28. Kawża C-415/96 Spanja vs il-Kummissjoni [1998] Ġabra I-6993, paragrafu 31; Kawża C-458/98 P Industrie des Poudres Sphériques vs Il-Kunsill [2000] I-8147, paragrafi 80 sa 85; Kawża T-301/01 Alitalia vs il-Kummissjoni [2008] II-1753, paragrafi 99 u 142; Kawżi Magħquda T-267/08 u T-279/08 Région Nord-Pas de Calais vs il-Kummissjoni [2011] II-0000, paragrafu 83.

([11]) Il-kawża C-256/16 Deichmann SE vs Hauptzollamt Duisburg, Sentenza tal-Qorti tal-15 ta' Marzu 2018, paragrafu 79 u l-kawża C-612/16 C & J Clark International Ltd vs. Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs, sentenza tat-19 ta' Ġunju 2019, paragrafu 58.

(18) F'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ([12]), ta' min jinnota li, għall-kuntrarju tar-reġistrazzjoni li sseħħ matul il-perjodu qabel l-adozzjoni tal-miżuri provviżorji, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament antidumping bażiku mhumiex applikabbli għal dan il-każ. Tabilħaqq, l-għan tar-reġistrazzjoni fil-kuntest ta' investigazzjoni ta' implimentazzjoni tal-Qorti mhuwiex li jippermetti l-ġbir retroattiv possibbli ta' miżuri ta' difiża tal-kummerċ kif previst f'dik id-dispożizzjoni. Pjuttost, ir-raġunijiet għar-reġistrazzjoni huma, kif imfakkar hawn fuq, sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-miżuri huwa xieraq li jiġi żgurat, sa fejn ikun possibbli, li l-importazzjonijiet ikunu soġġetti għar-responsabbiltà korretta antidumping mingħajr interruzzjoni bla bżonn mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament antidumping inkwistjoni sal-impożizzjoni mill-ġdid tad-dazji kkorreġuti, jekk ikun hemm.

(19) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li hemm raġunijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament antidumping bażiku.

3. REĠISTRAZZJONI

(20) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament antidumping bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat manifatturat minn Jinan Meide taħt il-kodiċi addizzjonali TARIC B336 għandhom ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni sabiex jiġi żgurat li, jekk l-investigazzjoni tirriżulta fl-impożizzjonijiet mill-ġdid tal-miżuri, id-dazji antidumping ta' ammont xieraq jistgħu jiġu imposti fuq dawn l-importazzjonijiet.

(21) Kif indikat fl-Avviż ta' ftuħ mill-ġdid, l-obbligazzjoni finali għall-ħlas ta' dazji antidumping, jekk ikun hemm, mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament antidumping inkwistjoni toħroġ mis-sejbiet tal-eżaminazzjoni mill-ġdid. Madankollu, m'għandhom jinġabru l-ebda dazji ogħla mid-dazji stabbiliti fir-regolament antidumping inkwistjoni għall-perjodu bejn it-2 ta' Diċembru 2019 u d-data tad-dħul fis-seħħ tar-riżultati tal-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni. Id-dazju attwali tal-antidumping applikabbli għal Jinan Meide huwa ta' 39,2 %,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-awtoritajiet doganali għandhom, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli u ħadid fondut bil-grafit sferojdali, li jeskludu korpi ta' fittings b'kompressjoni bl-użu tal-kamin metriku ISO DIN 13 u kaxxi fejn jingħaqdu l-kejbils tal-ħadid malleabbli bil-kamin ċirkolari mingħajr ma jkollhom għatu, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7307 19 10 (il-kodiċi TARIC 7307 19 10 10) u ex 7307 19 90 (il-kodiċi TARIC 7307 19 90 10), li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, immanifatturati minn Jinan Meide Castings Co., Ltd (il-kodiċi TARIC addizzjonali B336).

2. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Ir-rata tad-dazji antidumping li jistgħu jinġabru fuq l-importazzjonijiet ta' fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli u ħadid fondut bil-grafit sferojdali, li jeskludu korpi ta' fittings b'kompressjoni bl-użu tal-kamin metriku ISO DIN 13 u kaxxi fejn jingħaqdu l-kejbils tal-ħadid malleabbli bil-kamin ċirkolari mingħajr ma jkollhom għatu, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7307 19 10 (il-kodiċi TARIC 7307 19 10 10) u ex 7307 19 90 (il-kodiċi TARIC 7307 19 90 10), li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, immanifatturati minn Jinan Meide Castings Co., Ltd (il-kodiċi addizzjonali TARIC B336) bejn il-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni u d-data tad-dħul fis-seħħ tar-riżultati tal-investigazzjoni ta' ftuħ mill-ġdid, ma għandhiex taqbeż dik imposta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1146.

4. L-awtoritajiet doganali nazzjonali għandhom jistennew il-pubblikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni rilevanti li jimponi mill-ġdid id-dazji qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-talba għar-rimborż u l-maħfra ta' dazji antidumping f'dak li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' Jinan Meide Castings Co., Ltd.

([12]) Il-kawża C-256/16 Deichmann SE vs Hauptzollamt Duisburg, il-paragrafu 79 u l-kawża C-612/16, C & J Clark International Ltd v Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs, sentenza tat-19 ta' Ġunju 2019, paragrafu 58.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER